MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Numru 791/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Stephen J. Gatt)**
**vs**
**Gabriel Gatt**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Gabriel Gatt** ta' 19-il sena, bin John u Maria Stella nee' Schembri, mwieled Pieta' fil-25 ta' Mejju, 1986, residenti Blk H, Flt 14, Triq Jean Houel, Ta' Giorni, San Giljan u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 240786(M);

Talli fit-23 t'Ottubru, 2005 gewwa l-Gzira ghall-habta ta' bejn l-4.00pm u 8.00pm ikkometta reat ta' serq ta' ammont ta' flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur (liema valur jammonta ghal inqas minn elf lira Maltin), bil-persuna u bil-lok ghad-detriment ta' Francesco Schembri mill-Gzira.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u n-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat u ghalhekk l-ewwel (1) akkuza tirrizulta pruvata.

Semghet id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li t-tieni (2) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza, ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Rat l-artikoli 261 (b) (c) (d) u (e), 278, 279, 280, 281 tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat.

Wara li staqsiet lill-imputat jekk kienx dispost li joqghod taht kundizzjoni jekk ikun liberat, u huwa wiegeb fl-affermattiv.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-art 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------